MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 70/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Victor Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Victor Muscat talli bejn il-15 u 17 ta' Jannar 2005 fil Madliena limiti tal-Gharghur:

(1) Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita dritt li jppretendi li ghandu biddel il-katnazz ta' fond 'Dar il-Hena' Triq il-Madliena, Madliena liema fond huwa proprjeta` u fil-pussess ta' Josephine Muscat;

(2) Bl-istess agir tieghu ppregudika d-drittijiet proprjetarji ta’ l-imsemmija Josephine Muscat.

L-imsemmija Josephine Muscat talbet li tinghata garanzija ai termini ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li jitnehha l-inkonvenjent ai termini ta' l-artikolu 377 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Marzu 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Victor Muscat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u ordnat li jobbliga ruhu li jzomm il-kwiet ma’ l-istess Josephine Muscat u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma’ kulhadd u jekk jonqos minn din l-obbligazzjoni jobbliga ruhu li jhallas is-somma ta’ mitt liri Maltin (Lm100) u dan jibqa’ jsehh ghal zmien sena mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Victor Muscat pprezentat fit-18 ta’ Marzu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjonijie dedotti u tilliberah minn kull imputazzjoni w htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li s-sentenza appellata ghandha tigi annullata billi l-ewwel Qorti naqset li tipprovdi ghad-difiza xierqa ta' l-appellant skond il-ligi. Jispjega li l-ewwel Qorti ma tatux l-opportunita` li jkun assistit minn konsulent legali. Jghid li minkejja li huwa talab li jkun assistit mill-avukat ta' fiducja tieghu, l-ewwel Qorti ghalkemm sejhitlu, meta dan ma deherx, minhabba li l-kwerelanti kellha l-avukat maghha, ghazlet li tibqa' miexja bil-provi fl-assenza ta' kwalunkwe ghajnuna legali ghalih. Ghalhekk sostna li s-sentenza appellata ghandha tigi annullata.

Issa mill-atti jirrizulta li ghall-ewwel seduta ta' l-1 ta' Marzu 2005 l-imputat kellu jkun ippatrocinat minn Dott. Patrick Galea li baqa' ma deherx u l-Qorti ddifferiet il-kawza wara li wissiet lill-appellant li jekk f'seduta ohra ma jkunx assistit minn avukat, il-Qorti tisma' l-provi u tghaddi ghas-sentenza. Il-verbal kollu jghid hekk:

"Meta ssejhet il-kawza deher l-ufficjal prosekutur.
Deher l-akkuzat. Dr. Patrick Galea ma deherx.
Dehret il-parti civili assistita minn Dr. Paul Gauci Maistre.
Dr. Patrick Galea msejjah diversi drabi ma deherx.
Il-Qorti wissiet lill-akkuzat li jekk f'seduta ohra jerga' ma jkunx assistit minn avukat, il-Qorti xorta tibda tisma' l-provi u tghaddi ghas-sentenza."

Ghas-seduta sussegwenti tat-8 ta' Marzu 2005, jidher li l-appellant inkariga avukat ta' fiducja iehor, Dott. Pawlu Lia, izda l-istorja rrepetiet ruhha fis-sens li Dott. Lia, ghalkemm imsejjah, baqa' ma deherx u ghalhekk l-ewwel Qorti mxiet skond kif kienet wissiet lill-appellant li sejra taghmel. Mill-verbal ta' dik is-seduta jirrizulta li Dott. Pawlu Lia ssejjah darbtejn qabel ma l-ewwel Qorti bdiet tisma' x-xhieda. Xehdu tliet ufficjali tal-Pulizija, Josephine Muscat, Paul Abdilla u anke l-appellant stess u wara nghatat is-sentenza. M'hemmx dubbju li l-ewwel Qorti kienet preokkupata bil-fatt li baqa' ma deherx l-avukat ta' l-appellant. Mill-banda l-ohra ma jirrizultax li hija pposponiet il-kawza sabiex l-appellant ifittex lill-avukat tieghu jew, alternattivament qabbditlu avukat iehor.

L-artikolu 519 tal-Kodici Kriminali jiddisponi:

**"Hu dmir tal-qrati ta' gustizzja kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta' l-imputati jew akkuzati."**

Din il-Qorti diversi drabi esprimiet ruhha kif ghandu jigi tutelat dan id-dritt. Hekk fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Bernard Grech** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Settembru 1998 (Vol. LXXXII.iv.353) intqal hekk:

**"…l-imputat kien qieghed implicitament jitlob assistenza legali u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha d-dmir li tipprovdi ghad-difiza gusta tieghu kif jitlob l-artikolu 519. Dana l-Ewwel Qorti setghet taghmlu jew billi tipposponi (mhux tiddifferixxi) ghal ftit hin sakemm l-imputat isib lill-Avukat tieghu jew jinkariga avukat iehor, jew f'kaz li ma jirnexxilux jinkariga avukat iehor, billi tinnominalu avukat jew prokuratur legali a spejjez pubblici. Kieku l-Ewwel Qorti ghamlet xi wahda minn dawn l-affarijiet kien ikollha kull dritt li tkompli bil-kawza - li wara kollox hi wahda sommarja - dik il-gurnata stess, wara li naturalment, taghti zmien xieraq lill-avukat jew prokuratur legali gdid sabiex ikellem lill-imputat u jigi debitament istruwit minnu dwar il-kawza. Fil-kaz in dizamina l-Ewwel Qorti ma ghamlet xejn minn dan, u minflok ghaddiet minnufih biex tippronunzja s-sentenza. B'hekk jigi li fi stadju krucjali tal-kawza, u precizament meta l-imputat kellu jaghzel jixhidx jew le, hu talab ghall-assistenza legali u din giet michuda lilu (ara fl-istess sens issentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju 1998, fil-kawza fl-ismijiet <u>'Il-Pulizija v. Michelina Apap'</u>). Dan kien nuqqas serju li necessarjament iwassal ghall-annullament ta' l-ewwel sentenza."**

Dan il-bran gie citat b'approvazzjoni fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Brian Fenech** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Gunju 2004, u fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Aldo Spiteri** deciz ukoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 2004 f'liema zewg kazijiet kienu sahansitra xehdu l-imputati quddiem l-ewwel Qorti, bhalma gara fil-kaz odjern. U bhalma gara f'dawk il-kazijiet, f'dan ukoll huwa evidenti li l-appellant ried li jkun assistit mill-avukat tieghu.

Din il-Qorti tifhem u tissimpatizza mal-Qrati tal-Magistrati li dejjem ikunu taht pressjoni konsiderevoli ta' xoghol u jkunu jridu jwettqu l-programm ta' xoghol taghhom fis-seduti taghhom, u tapprezza wkoll li dawk il-Qrati ta' sikwit isibu l-pjanijiet u programmi taghhom ta' xoghol frustrati bin-nuqqas ta' attendenza puntwali ta' imputati, xhieda jew avukati. Pero`, fid-dawl tal-gurisprudenza citata, ladarba

kien evidenti li l-appellant odjern kellu l-avukat tieghu, nonostante t-twissija li kienet inghatat fl-ewwel seduta li l-Qorti tipprocedi anke jekk l-appellant ma jkunx assistit, galadarba ddecidiet illi tiddifferixxi, dak li kellha taghmel fit-tieni seduta - u li setghet ghamlet fl-ewwel seduta - kien li kellha l-ewwel tipposponi l-kawza ghal aktar tard sabiex l-appellant ikollu l-opportunita` jfittex jew jikkomunika ma' l-avukat tieghu, jekk, meta terga' tissejjah il-kawza, l-avukat ta' l-appellant jibqa' ma jidhirx, l-ewwel Qorti jew tordnalu li jsib avukat iehor jew, jekk dan mhux possibbli, tappuntalu avukat iehor hi stess u taghti zmien xieraq lill-avukat hekk nominat sabiex ikellem lill-appellant u jigi debitament istruwit minnu dwar il-kawza. Peress li ma sar xejn minn dan, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tannulla s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravju, tannulla s-sentenza appellata u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet u specjalment lill-appellant mill-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti mill-gdid quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kawza terga' tinstema' mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------